# REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 21 / 2011

Data u hin

Il-Laqgha Nru 21/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret it-Tnejn, 24 t' Ottubru 2011 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joe Spiteri | V/Sindku Valletta |
| Is-Sur Joseph Casha | Sindku Isla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Stephen Caruana | Sindku M' Xlokk |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Birgu
Sindku Bormla
Sindku Zejtun
Sindku Fgura
Sindku Paola
Sindku Xghajra

**Assenti :**
Sindku Kalkara

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.45pm.

### 21.1 <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-Laqgha Regjonali precedenti, ie dik mghajta fis-17 t' Ottubru 2011 ma setghetx issir peress li ma kienx hemm quorum.
Il-Minuti tal-Laqgħa Nru.19/2011 mizmuma fis-27 ta' Settembru 2011, kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija waqt li gew pprezentati wkoll il-minuti tal-Laqgha Nru 20/2011 mizmuma fis-17 t' Ottubru 2011 (fejn ma kienx hemm quorum) - u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il- Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

21.2 **Punti Mqajjma**

21.2.1 **Tender tal-LES** LES

Il-President informa lil dawk prezenti rigward l-istadju li wasal fih l-Adj Comm u li l-imsemmi bord hass il-htiega li jigu kjarifikati xi punti ma' tenderer minnhom ie Sterling Security Ltd. liema laqgha hi skedata ghal ghada.

Barra minn hekk ir-Regjun gie notifikat b' rikors ta' Appell maghmul minn Aurelia Enforcement Limited ( Aurelia Enforcement Led vs Dipartiment tal_Kunsilli Lokali, Regjun Xlokk u Bord tar-Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici [ 16/2011 – Cash Nru 1898/2011] u li ser jinstemgha quddiem l-Onor. Imhallef Ray Pace fis-26 ta Jannar 2012. B' din il-procedura il-process ta' agudkiazzjoni jibqa ghaddej xorta. Appell Appuntat

Ta' min jinnota li xorta tibqa l-problema ta' dawk il-kuntratti li ghadhom in vigore ezettament dawk tal-Belt Valletta, l-Marsa u l-Furjana. Meta jitlesta l-process tal-agudikazzjoni jigi nfurmat il-Kumitat Regjonali, u sussegwentement id-Diparment – biss zgur li mhux ser ikun ir-Regjun li jiddeciedi li jwaqqaf dawn l-imsemmija kuntratti li ghandhom in vigore.

Hawnhekk tkellem is-Sindku ta' Marsaxlokk li qal li l-ahhar invoice li rcieva l-Kunsill tieghu minn ghand il-kuntrattur wera zieda fil-prezzijiet.
Il-President qal li r-Regjun mhux ser jaccetta zieda fil-prezzijiet – din iz-zieda tirrifletti mill-Collective Agreement izda dawn marbuta mar-rati fit-Tender li ghadu qed jigi aggudikat u l-kuntratturi qed japplikaw il-kundizzjonijiet li gew stipulati mal-ghoti tat-tender il-gdid.

Il-Vici Sindku tal-Belt Valletta staqsa liema dokument ma kienx intbghat lir-Regjun. Is-Segretarju Ezekuttiv urietu dokument simili ta' Kunsill Lokali iehor biex ikun jaf ezatt x' kien id-dokument li ghadu qed jistenna r-Regjun.

B' referenza ghall-email mibghuta lir-Regjun mis-Sur David Soler, gie ccarat u spjegat x' kien qed jirreferi s-Sur Soler meta uza l-kelma 'commission' – ried li jfisser li kellu jkopri spejjez amministrattivi.

Mill-1 ta' Settembru 2011 dawk il-Kunsilli fejn ikunu thallsu l-kontravenzjonijiet ikollhom dritt ghall-hlas amminitrattiv ta' 10%. L-Invoices bdew jaslu, anke tal-kuntrattur pero' ghad ma gewx iggenerati flus bizzejjed biex jithallsu. Sal-lum, il-bank gew depozitati €15,639, waqt li l-invoices wahidhom jammontaw ghall-€24,092.

21.2.2 **Trasport Pubbliku - Arriva** Transport Malta

Il-President informa 'l-dawk prezenti li l-laqgha ma' Transport Malta skedata ghat– 13 t' Ottubru 2011 ma nzammitx peress li Transport Malta fil-frattemp avzat li r-rotot kollha kienu ser jergghu jirrevertu ghal dawk ta' qabel ma hadet f' idejha r-rotot Arriva – u dan mis-6 ta' Novembru 2011.

21.2.3 **Tender RX 2/2011– Provision of Accounting Services on a Part-Time Basis** Hatra ta' Accountant/ Ghazla ta' software

Dawk prezenti gew mgharrfa li r-Regjun wasal biex jifferma kuntratt favur Mazars Consulting Ltd.
Gew prezentati zewg quotations ghax-xiri ta' SAGE Software, wahda ta' ITS Ltd

(€1180) u l-ohra ta’ AGS Co Ent. Ltd (€1069.2) – dawk prezenti unanimament ghazlu din ta’ l-ahhar peress li kienet l-aktar vantagguza.

21.2.4 **Logo ghar-Regjun** — Logo

Ghada ma saret l-ebda komunikazzjoni mid-Dipartiment sa mit-23 ta’ Settembru 2011, fejn kien informa lir-Regjun li f’dak li jirrigwarda Coat-of-Arms, id-Dipartiment jafda f’ persuni kwalifikati specifikament f’ dan il-qasam biex jassigura li l-kriterji kollha jigu milhuqa u li hi kompetenza tad-Direttur.

Il-President tenna li mozzjoni ma tistax tinbidel qabel ma jkunu ghaddew sitt xhur minnha – forsi d-Dipartiment kien qed jistenna dan il-perijodu jghaddi qabel ma jaghmel pass ehor.

## 21.3 Affarijiet Finanzjarji

21.3.1 **Hlasijiet** — Hlasijiet

Giet prezentat Payment Schedule u dawk prezenti approvaw dawn il-hlasijiet indikati fl-istess schedule.

## 21.4 Affarijiet Ohra

21.4.1 **Parkegg biswit l-Isptar Sir Paul Boffa** — Parkegg Sptar Boffa

Ufficjal gholi tal-Isptar Sir Paul Boffa ikkomunika mal-President fejn gharrfu bil-problemi li pazjenti li jidhlu ghal trattament ta’ kimoterjia u radjuterapija, jiffaccjaw ta’ kuljum, peress li ma jkunux jistghu jipparkjaw f’ Harper Lane jew fil-vicinanzi u li l-postijiet riservati apposta ghalihom f’ Harper Lane huma ftit wisq.

Is-Sindku tal-Floriana qal li kien sorpriz b’ dan li qal il-President peress li sa madwar xahar ilu kellu diskussjonijiet fuq l-istess parkegg mas-Supretendent tal-Isptar.

Ta’ min jinnota li ma jistghax ikun hemm abbuz minn dan il-parkegg riservat li jintuza minn outpatients tad-dermatologija jew mill-istess staff tal-isptar.

Wiehed irid juri kumpassjoni ma’ dawn il-pazjenti pero’ m’ ghandhomx ibghatu r-residenti tal-Floriana u soluzzjoni ghal din hi li l-Ministru responsabbli ghas-Sahha ghandu jipprovdi trasport lil dawn il-pazjenti.

Is-Sindku tal-Floriana staqsa jekk ir-Regjun ghandux jidhol f’ dawn l-affarijiet lokali.

## 21.5 Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament — Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 24 ta’ Novembru, 2011 fis-6.30pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta’ Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia** | **M’ Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum ___________________, ________ ta'______________________2011.
(Jum) (Data) (Xahar)